MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1867/1999/1

**John Mary Ciappara maghruf bhala Jesmond Ciappara.**

**vs.**

1. **Sonia Ciappara Debattista, gia' Sonia Debattista, mart John Mary Ciappara, minnu *de facto* isseparata;**
2. **Calcidonio Debattista u ghal kull interess li jista' jkollha martu, Mary Debattista;**
3. **In-Nutar Dottor Marthese Felice LL.D.;**
4. **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta;**
5. **L-Avukat Generali tar-Repubblika ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta’ Awissu 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur odjernament ghandu wiehed u tletin (31) sena, iben Carmelo u Nina nee` Zammit, imwieled Hal Qormi, nhar il-hdax (11) ta’ Dicembru, ta’ l-elf disa` mija tmienja u sittin (1968) u formalment jaghti l-indirizz tieghu bhala ‘Sonia Flats’, Appartament Numru 1, Naxxar Road, gewwa Birkirkara u ghandu l-karta ta’ l-identita` numru 38369(M);

Illi l-attur meta kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, inghaqad fiz-zwieg nhar it-tmienja (8) ta’ Settembru, ta’ l-elf disa` mija, tnejn u disghin (1992), mal-konvenuta, Sonia Debattista li kien ghad kellha dsatax (19)-il sena, u fejn allura d-differenza fl-eta` bejn l-attur u martu l-konvenuta ndikata hija ta’ *circa* erba` (4) snin. Illi c-certifikat taz-zwieg tal-konjugi Ciappara, kif irregistrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta igib in-numru 1552/1992 (9 ta’ Settembru 1992);

Illi l-konvenuti, Calcidonio Debattista, maghrufa bhala Calcidon Debattista u martu Mary Debattista huma l-genituri tal-konvenuta, Ciappara Debattista Sonia, li odjernament jinsabu f’dizgwid serju maghha, u hemm proceduri fil-Qrati tal-Gustizzja ta’ Malta, pendenti fil-prezent, u ghal ragunijiet li ghandhom x’jaqsmu ma’ kawzi ohra li huma pendenti, l-istess Calcidonio u Mary Debattista, prezenzjalment qeghdin temporanjament jirrisjedu fl-indirizz, ‘Sonia Flats’, Appartament numru 1, f’Naxxar Road, gewwa Birkirkara, minhabba illi riedu jmorru jghatu l-assistenza taghhom lill-attur wara li dan safa` abbandunat minn martu l-konvenuta, Ciappara Debattista Sonia li marret tikkoabita ma’ ragel mizzewweg b’hamest itfal, li jismu, Carmelo Gauci u prezenzjalment din qed tghix mieghu f’appartament gewwa l-Qawra;

Illi hemm kawza ta’ firda u talbiet ancillari u konnessi pendenti bejn l-attur u l-mara tieghu il-konvenuta, Ciappara Debattista Sonia, *ossia* citazzjoni numru 948/99

– NA, fl-ismijiet **“John Mary Ciappara vs Sonia Debattista Ciappara”**, li tinsab appuntata ghall-ewwel dehra ghal nhar il-Hamis, sittax (16) ta’ Settembru, ta’ l-elf, disa` mija, disa` u disghin (1999), fid-disa` ta’ filghodu quddiem din il-Qorti kif ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Noel V. Arrigo;

Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, l-konvenuta Ciappara Sonia, sive Ciappara Debattista Sonia gia` Debattista Sonia eccepiet fost affarijiet ohra li hija l-propjetarja tal-fond fi blokk bini maghruf bhala ‘Sonia Flats’, Appartament numru 1, Naxxar Road, gewwa Birkirkara, u fejn sostniet li din hija propjeta` parafernali taghha, aspett li anke kkonfermat fil-kontro-talba taghha li hija halfet nhar id-disa` u ghoxrin (29) ta’ Lulju, ta’ l-elf, disa` mija, disa` u disghin (1999). Illi l-attur qieghed jikkontendi li dik il-propjeta` fl-ewwel lok, kellha tinxtara f’ismu u f’isem il-konvenuta Debattista Sonia, meta dawn kienu ghadhom gharajjes, ghad illi fil-kawza prezenti qieghed jigi kkontestat illi legalment, Sonia Debattista, illum Ciappara Debattista Sonia ma setghetx taghmel il-kuntratt ta’ l-akkwist u li dak il-kuntratt huwa null u nvalidu skond il-ligi, ghad illi huwa materja ta’ kawza ohra li sejra tigi pprezentata ftit wara li tigi pprezentata c-citazzjoni odjerna;

Illi fic-citazzjoni ntavolata minnu l-attur, Ciappara John Mary qieghed jikkontendi ghalhekk, illi d-dar konjugali li tinsab prezenzjalment fil-pussess tieghu, hija effettivament propjeta` tieghu fl-ewwel lok, billi meta din inxtrat gebel u saqaf, kien huwa li bi flusu attrezzaha b’kollox, ammonti ta’ flus li kienu jeccedu l-hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) kif jigi ppruvat fil-kawza tas-separazzjoni citazzjoni numru 948/99 – NA, u li minn naha l-ohra l-kuntratt ta’ l-akkwist tad-dar li sar in atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. Marthese Felice, nhar it-tmintax (18) ta’ April, ta’ l-elf disa` mija u disghin (1990), meta Debattista Sonia kienet ghadha minorenni, huwa effettivament null billi Debattista Sonia ma setghetx taghmel att pubbliku bhal dak fit-tmintax (18) ta’ April ta’ l-elf disa` mija u disghin (1990) u anke kieku dak il-kuntratt kellu jinstab li huwa validu, Debattista Sonia ma kellha

ebda awtorita` li tixtri l-fond maghruf bhala ‘Sonia Flats’ fi Triq Bishop Labini gewwa Birkirkara, imma li popolarment huwa ndikat bhala ‘Sonia Flats’ f’Naxxar Road, gewwa Birkirkara, wahedha, billi l-kuntratt suppost sar mill-attur u mill-konvenuta meta dawn kienu ghadhom gharajjes u li dawn kellhom jixtru dan il-fond flimkien;

Illi ghalhekk, l-attur qieghed jikkontendi li l-kuntratt tat-tmintax (18) ta’ April ta’ l-elf disa` mija u disghin (1990), huwa null u nvalidu skond il-ligi, jew jekk dan ma jinstabx li huwa l-kaz, ghandu jigi kkoregut fis-sens illi, flimkien ma’ Sonia Debattista ghandu jitnizzel ukoll isem l-attur, u apparti minn dan, l-allegata emancipazzjoni li suppost kellha Sonia Debattista ghandu jitnizzel ukoll isem l-attur, u apparti minn dan, l-allegata emancipazzjoni li suppost kellha Sonia Debattista, fit-tnax (12) ta’ Lulju ta’ l-elf disa` mija, disa` u tmenin (1989) ukoll permezz ta’ kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dr. Marthese Felice, bl-ebda mod ma seta` qatt ta s-setgha legali lil Sonia Debattista biex tidhol bhala parti fil-kuntratt tat- tmintax (18) ta’ April ta’ l-elf disa` mija u disghin (1990), skond kif jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza;

Illi qed issir ghaldaqstant, il-kawza odjerna u kawza ohra li qed tigi pprezentata ftit wara l-kawza odjerna, biex tigi deciza din il-kwistjoni legali dwar jekk il-fond, ‘Sonia Flats’, appartament numru 1, fi Triq Bishop Labini jew f’Naxxar Road, gewwa Birkirkara, huwiex effettivament a bazi legali, propjeta` parafernali jew le tal-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista gja Sonia Debattista, u li ghandha n-numru tal-karta ta’ l-identita` 203973(M);

Illi fit-tnax (12) ta’ Lulju, ta’ l-elf disa` mija u disa` u tmenin (1989), sar kuntratt ta’ emancipazzjoni, att numru 197, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. Marthese Felice, li ghal dan l-iskop qed titharrek bhala konvenuta wkoll f’din ic-citazzjoni, fejn il-konvenut l-iehor, Calcidonio Debattista, li ghandu n-numru tal-karta ta’ l-identita` 271047(M), kien ippremetta li huwa kellu bintu li jisimha Sonia Debattista, minghajr impjieg, u li kellha numru tal-karta ta’ l-identita` 203973(M), u li din xtaqet tezercita l-kummerc;

Illi l-imsemmija Sonia Debattista kienet twieldet fit-tlettax (13) ta’ April, ta’ l-elf, disa` mija u tlieta u sebghin (1973) u fit-tnax (12) ta’ Lulju, ta’ l-elf, disa` mija u disa` u tmenin (1989) kienet ghalqet sittax-il (16) sena. Illi ghaldaqstant, bis-sahha tal-kuntratt tat-tnax (12) ta’ Lulju, ta’ l-elf disa` mija u disgha u tmenin (1989), Calicidonio Debattista, wiehed mill-konvenuti, fic-citazzjoni odjerna, kien awtorizza lill-istess bintu, Sonia Debattista, biex tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u *inoltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta’ kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha u dan ghall-iskop ta’ l-**artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali;**

Illi qieghed jigi sottomess, illi effettivament, Sonia Debattista, qatt ma ezercitat ebda kummerc jew ghamlet xi forma ta’ negozju bejn it- tnax (12) ta’ Lulju, ta’ l-elf, disa` mija u disa` u tmenin (1989), sakemm hija effettivament saret maggorenni, u li ghal din ir-raguni, l-emancipazzjoni ta’ Sonia Debattista kienet limitata biss ghall-atti li jkunu kommessi ma’ l-ezercizzju ta’ xi forma ta’ kummerc, jew xi forma ta’ negozju, u l-allegazzjoni biex hija titqies bhala magguri ghar-rigward ta’ kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha, ghall-iskop ta’ **artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali,** kellhom *se mai* ikunu limitati biss f’din l-inkwadratura ta’ ezercizzju tal-kummerc u negozju konness, u mhux ghall-atti ohra li *stictu sensu* bl-ebda mod, lanqas remotament, ma setghu kienu konnessi ma’ xi forma ta’ ezercizzju ta’ kummerc jew negozju konness mieghu;

Illi dan qieghed jinghad fid-dawl ta’ kuntratt li jgib id-data tat-tmintax (18) ta’ April ta’ l-elf disa` mija u disghin (1990) ukoll fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. Marthese Felice, liema kuntratt huwa mertu ta’ kawza ohra li ser tigi ntavolata ftit wara li tkun giet pprezentata din il-kawza odjerna, u fejn il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, gja Sonia Debattista, kienet xtrat meta kienet ghadha minorenni, l-fond ‘Sonia Flats’ fi Triq Bishop Labini gewwa Birkirkara llum popolarment indikat bhala appartament numru 1, Naxxar Road, gewwa Birkirkara, li huwa d-dar konjugali tal-konjugi Ciappara, u fejn l-attur qieghed jikkontendi li l-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, ma

setghet qatt xtrat il-fond indikat billi fl-ewwel lok dak kien intiz biex ikun id-dar konjugali, fit-tieni lok kellu jinxtara fuq isem l-attur u l-eventwali mara tieghu dak iz-zmien Sonia Debattista llum il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista; u fit-tielet lok illi Sonia Debattista meta kienet qed takkwista l-fond indikat dak ma kellu l-ebda rabta ma' xi ezercizzju tal-kummerc jew negozju konness mieghu. Kwindi l-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April ta' l-elf disa` mija u disghin (1990), jista` legalment ikun null jew f'kaz li mhux null ghandu jigi kkoregut fis-sens kif qed jigi koncizament imfisser f'din il-premessa;

Illi premess dan kollu, l-istess attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tisma', tevalwa, taqta` u tiddeciedi illi:-

(1) L-attur ghandu nteress guridiku li jintavola din il-kawza *stante* li l-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista hija martu anke jekk *de facto* sseparata minnu, u l-ezitu ta' din il-kawza jimpingi direttament fuq min huwa s-sid tad-dar konjugali 'Sonia Flats', appartament numru 1, Triq Bishop Labini, jew Naxxar Road, gewwa Birkirkara, u dan a bazi ta' kuntratt li jgib id-data tat-tmintax (18) ta' April ta' l-elf disa` mija u disghin (1990) skond ma jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti;

(2) Il-kuntratt datat tnax (12) ta' Lulju ta' l-elf, disa` mija u disa` u tmenin (1989) in atti Nutar Dr. Marthese Felice, att numru 197, relatat ma' emancipazzjoni, huwa validu biss fil-parametri li Sonia Debattista bin-numru tal-karta ta' l-identita` 203973(M) *stante* li kienet ghadha minuri meta ghamlet il-kuntratt, kienet effettivament sejra tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u *inoltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha u dan ghall-iskop ta' l-**artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali** (ara Dok. "MF1");

(3) Il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista gja Sonia Debattista, effettivament, bejn it tnax (12) ta' Lulju ta' l-elf, disa` mija u disa` u tmenin (1989) u sakemm saret maggorenni fit-tlettax (13) ta' April, ta' l-elf disa` mija u wiehed u disghin, *ossia,* meta l-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, ghalqet it-tmintax-il sena (18), din il-konvenuta

qatt ma effettivament kienet ezercitat il-kummerc u nnegozjat pjenament, u qatt ma affetwat xi obbligazzjonijiet kontrattati minnha ghall-iskopijiet ta' l-**artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali** kif kien *in vigore* fit-tnax (12) ta' Lulju, ta' l-elf disa` mija u disa` u tmenin (1989), *ossia* qabel l-emendi sostanzjali li sehhew wara fil-ligijiet ta' Malta;

(4) Kien hemm jew ma kienx hemm spjegazzjoni mehtiega mill-ligi f'Malta kif ezistenti fit-tnax (12) ta' Lulju, ta' l-elf disa` mija u disa` u tmenin (1989), da parti tan-Nutar Pubbliku Malti, konvenut ukoll f'din il-kawza odjerna, lill-partijiet koncernati rigwardanti t-tifsira ta' l-ezercizzju tal-kummerc u n-negozju pjenament u l-obbligazzjonijiet kontrattati ghall-iskop ta' l-**artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali**, u dan sabiex din il-Qorti tkun tista` tigwida lill-partijiet fl-interpretazzjoni taghhha rigwardanti dawn il-frazijiet fil-kuntratt citat tat-tnax (12) ta' Lulju, ta' l-elf, disa` mija u disa` u tmenin (1989);

(5) Il-konvenut Direttur Generali tar-Registru Pubbliku ta' Malta jew ir-rapprezentant tieghu ghandu jkun awtorizzat jirregistra kwalsiasi decizjoni naxxenti minn din il-Qorti jew fl-istadju ta' meta din il-kawza tghaddi *in res judicata* sa fejn huwa affetwat id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "MF1", il-kuntratt tat- tnax (12) ta' Lulju ta' l-elf, disa` mija u disa` u tmenin (1989), bejn il-komparenti konvenuti Sonia Ciappara Debattista u missierha Calcidonio Debattista u ghal kwalsiasi nteress li jista` jkollha, ommha Mary Debattista, ukoll konvenuta;

(6) Il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista gja Sonia Debattista qatt ma kellha effettivament xi nteress, objettiv jew skop li *"tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u inoltre sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha u dan ghall-iskop ta' l-artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali"*, skond ma jirrizulta mill-anness Dok. "MF1" (ara elenku tad-dokumenti);

(7) Jekk xi hadd mill-konvenuti jibqa` kontumaci f'din il-kawza, din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tahtar

kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-parti jew partijiet assenti skond ir-regolamenti tal-Qorti u l-ligijiet ta’ Malta;

(8) Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha, a bazi tat-talbiet ta’ l-attur kif hawn fuq suesposti, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li tawtorizza, taghti u tordna skond ic-cirkostanzi u a bazi ta’ kif jirrizultawlha l-fatti fil-mori ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u/jew extra gudizzjarji, inkluz ta’ dawk l-atti kollha gudizzjarji konnessi direttament u/jew indirettament mal-mertu ta’ din il-kawza odjerna, kontra l-konvenuti jew min minnhom li l-hamsa (5) li huma jigu immedjatament ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 12 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijet tal-konvenuta, n-Nutara Dr. Marthese Felice datata 5 ta’ April 2000 a fol. 24 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-konvenuta m’hijiex edotta mill-fatti u tirrizerva li taghti eccezzjonijiet jekk ikun il-kaz, fi stadju ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda taghha a fol. 24;
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Calcidonio Debattista u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mary Debattista datata 5 ta’ April 2000 a fol. 26 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti jaderixxu ma’ l-ewwel sitt talbiet attrici u mat-tmien talba ta’ l-attur, u dan kif huma lesti illi jfissru fil-mori tal-kawza u fejn anke qed jaghmlu referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata li qeghda ssir mill-konvenuti konjugi Debattista, biss qeghda tigi mahlufa minn Mary Debattista (I.D. Nru. 778750(M);

2. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom a fol.28 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta’ April 2000 a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:-

1. In linea preliminari, l-attur m’ghandux interess guridiku li jintavola l-proceduri odjerni;

2. Illi l-Avukat Generali gie mharrek unitilment *stante* li a bazi ta’ l-**artikolu 181B (2) tal-Kap 12** huwa ghandu jigi ngunt f’kawza biss jekk it-talbiet attrici ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern, li mhux il-kaz odjern, *stante* li l-legittimu kontradittur f’kawzi ta’ natura simili huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

3. Illi skond l-**artikolu 306 (5) tal-Kap 16**, ir-Registru Pubbliku huwa rapprezentat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u mhux id-Direttur Generali tar-Registru Pubbliku kif indika l-attur fl-okkju tac-citazzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju, rigward il-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet;

5. Illi l-prezenza ta’ l-esponent fil-proceduri odjerni hija mehtiega biss ghall-iskop ta’ l-eventwali ezegwibilita` tad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti ghaldaqstant huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-istess a fol. 35 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, Sonia Ciappara datata 30 ta’ Marzu 2000 a fol. 37 tal-process fejn eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni *stante* n-nuqqas ta’ nteress guridiku ta’ l-attur;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, li l-kuntratt ta’ emancipazzjoni tat-12 ta’ Lulju 1989 huwa validu fil-ligi u ghandu r-rekwiziti kollha rikjesti mill-istess ligi sabiex jitqies kuntratti validi fil-ligi;

3. Fit-tielet lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma bbazati ghal kollox fuq premessi skorretti u nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi wiehed mill-effetti ta’ emancipazzjoni mhux dak illi l-persuna emancipata bilfors trid tezercita l-kummerc, izda biss illi ghandha d-dritt u tista` tezercita l-kummerc.  Huwa ghalhekk, illi jsegwi illi jekk persuna emancipata ma tkunx ezercitat kummerc sakemm tilhaq il-maggr eta` taghha, dan ma jfissirx illi l-att pubbliku ta’ emancipazzjoni huwa null u bla effett;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda taghha a fol.38 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta’ Mejju 2000 fejn il-Qorti rrilevat li peress illi l-provi f’kawzi ohra bejn din il-koppja kienu qed jingabru mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea nnominat lil din l-Assistent Gudizzjarju biex ukoll tigbor il-provi f’din il-kawza; ta’ l-20 ta’ Novembru 2000; tat-2 ta’ Mejju 2001; u tat-13 ta’ Novembru 2001;

Rat l-avviz tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2002;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 6 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 55);

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta’ l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta’ Anna Mallia (a fol. 70), Calcedonius Debattista (a fol. 98) u Giorgia Muscat (a fol. 108);

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti rreferiet ghall-verbal Nru 1 (Cit. Nru 1866/99) fuq il-lista ta’ llum b’dan li dawk iz-zewg seduti b’ordni tal-Qorti ghandhom jghoddu bhala seduti f’din il-kawza. Id-difensuri jaqblu li l-provi li ngabru fiz-zewg kawzi ghandhom jghoddu bhala prova ghal kull kawza;

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta’ Marzu 2003; tat-30 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti ddikjarat li peress li din il-kawza miexja mal-kawza Nru.4 fuq il-lista ta’ llum (Cit. Nru 1866/99/1 RCP), il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta’ April 2004; u ta’ l-20 ta’ April 2004 fejn il-Qorti giet nfurmata li l-provi huma maghluqa. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Dr. Emmy Bezzina ghall-attur talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuta jibda jghaddi mill-eghluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Borg Galea;

Rat l-atti kollha fil-kawza Cit. Nru: 1866/99/RCP;

Rat is-sottomissjonijiet tal-konvenuti Nutar Dr. Marthese Felice u Dr. Anton Felice;

Rat li l-partijiet l-ohra minkejja li nghataw opportunita' li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet taghhom baqghu ma ghamlu xejn minn dan.

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) KAWZA ODJERNA.

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur John Mary Ciappara, qed isostni li l-kuntratt ta' emancipazzjoni li sar minn martu Sonia Ciappara Debattista meta kienu ghadhom biss johorgu flimkien huwa validu biss fil-parametri li hi kellha tezercita l-kummerc. Il-kuntratt in fatti sar sabiex tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament u *inoltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha u dan ghall-iskop ta' l-**artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali.** Huwa jsostni li l-konvenuta qatt ma ezercitat kummerc jew ghamlet xi forma ta' negozju bejn id-data tal-kuntratt ta' emancipazzjoni sakemm hija saret maggorenni.

Illi l-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista, eccepiet in-nullita' tac-citazzjoni *stante* nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attur; kif ukoll li l-kuntratt ta' emancipazzjoni ghandu r-rekwiziti kollha rikjesti mill-ligi; *inoltre* sostniet li t-talbiet attrici huma bbazati fuq premessi skorretti ghaliex wiehed mill-effett ta' emancipazzjoni mhux dak illi l-persuna emancipata bilfors trid tezercita l-kummerc, izda biss li ghandha d-dritt u tista' tezercita l-kummerc. Jekk ma tezercitax kummerc dan ma jirrendix il-kuntratt ta' emancipazzjoni null.
Illi l-konvenuti Calcidonio u Mary Debattista eccepew li jaderixxu ma' l-ewwel sitt talbiet attrici u mat-tmien talba ta' l-attur.

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ l-attur. Hemm ukoll eccezzjonijiet ohra li se jigu trattati aktar ‘il quddiem li huma ta’ natura procedurali.

Illi l-konvenuta n-Nutar Marthese Felice eccepiet li m’hiex edotta mill-fatti.

## (II) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **John Mary Ciappara** rrefera ghall-kuntratt ta’ emancipazzjoni datat 12 ta’ Lulju 1989 fejn Calcidonio Debattista awtorizza lil bintu Sonia, ta’ sittax-il (16) sena, sabiex tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u *inoltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta’ kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha. Huwa xehed li minn meta sar dan il-kuntratt ta’ emancipazzjoni sad-data meta l-konvenuta Sonia ghalqet it-tmintax-il (18) sena hija qatt ma ezercitat il-kummerc jew innegozjat pjenament.

Illi huwa sostna li ghandu nteress jaghmel din il-kawza minhabba kuntratt datat 18 ta’ April 1990 fejn martu xtrat il-fond konjugali. Huwa nfatti pprezenta kawza ohra sabiex jattakka dan il-kuntratt ta’ akkwist minhabba li hija ma kellhiex il-mezzi finanzjarji biex takkwista u hija wzat il-flus li tawha l-genituri taghha b'qerq ghax dawn kienu ntizi ghat-tieg. *Inoltre* huwa hareg hafna flus ghall-allestiment tieghu u b’hekk il-post kellu jigi akkwistat f’isem it-tnejn. Il-kontro-ezami li sar ma tefax dawl fuq il-kwistjoni odjerna.

Illi f’affidavit iehor tieghu sostna li Sonia meta giet emancipata l-uniku objettiv taghha kien minhabba li n-Nutar qaltilha li jekk ma temancipax ruhha ma setghetx tixtri d-dar waqt li kienet ghadha minuri. Hija ma kellhiex interess li tmexxi xi kummerc. *Inoltre* missierha ghalkemm mar ghand in-Nutar maghha huwa lanqas biss jiftakar li kien prezenti.

Illi **Mary Debattista,** omm il-konvenuta Sonia, xehdet li l-proprjeta’ li nxtrat minn bintha hija ta’ l-attur. Dan peress li hija kienet tatha elfejn u hames mitt Lira (Lm2,500) li

suppost kienu ghat-tieg u l-elfejn u hames mitt lira (Lm2,500) harighom l-attur. Hija kkonfermat li bintha marret flimkien ma' missierha ghand nutar sabiex tigi emancipata. Ix-xhud sostniet pero' li bintha qatt ma ezercitat atti tal-kummerc f'hajjitha, la qabel u lanqas wara l-kuntratti msemmija fic-citazzjoni. Meta bintha ghamlet il-kuntratt ta' emancipazzjoni lanqas biss kellha sittax-il (16) sena, u ma kien hemm ebda pjanijiet biex bintha tezercita xi atti tal-kummerc. Bintha qatt ma hadmet.

Illi in kontro-ezami qalet li hi kienet mat-tifla meta sar il-kuntratt ta' l-emancipazzjoni. Hija mhiex qed taqbel mad-data li tirrizulta fl-att ta' l-emancipazzjoni. Skond hi Sonia kellha anqas minn sittax-il (16) sena u dan tiftakru ghax in-Nutara talbitha l-karta ta' l-identita' ta' Sonia u din spjegat lin-Nutar li ma kellhiex minhabba li ma kienitx ghalqet is-sittax-il (16) sena. B'hekk kienet marret l-insinwa biex iggib ic-certifikat tat-twelid minhabba n-numru ta' l-identita'. Hija ma setghetx tispjega ghalfejn il-kuntratt huwa datat 12 ta' Lulju 1989 minhabba li hija ma tafx taqra. Sostniet li huma darba biss marru ghand in-Nutar. Illi hija kkonfermat li bintha qatt ma hadmet wara li ghalqet is-sittax-il (16) sena; kif ukoll lanqas qabel ma ltaqghet ma' zewgha.

Illi **Anna Mallia**, iz-zija ta' Sonia, pprezentat affidavit fit-tul fejn hafna mix-xhieda mhiex relevanti ghall-kaz odjern. Hija xehdet li Sonia kienet qiesha bintha u sa ma telqet mid-dar konjugali kienet tkun dejjem ghandha. Hija xehdet li meta Sonia kienet tohrog ma' l-attur ma kienitx tahdem u b'hekk qatt ma kellha paga. Kienu dejjem il-genituri taghha li jtuha l-flus. *Inoltre* Sonia qatt ma kellha nteress li tidhol f'xi negozju jew li forsi tezercita xi forma ta' kummerc. Hija taf li sa mit-twelid ta' Sonia, ommha, kienet tfaddal il-flus taghha tac-*children allowance* kif ukoll xi flus li kienet taqla' f'xi okkazzjonijiet.

Illi **Calcedonius Debattista,** missier il-konvenuta Sonia, xehed li huwa jiftakar li kien mar ghand in-Nutar Dr. Marthese Felice fejn kien qalilha li ried iholl lil bintu, Sonia, milli jkollu awtorita' fuqha biex din setghet taghmel xi negozju. Huwa xehed li dan sar ghax hi riedet tixtri post.

Huwa qal li Jesmond kien hareg il-flus. Huwa qal li mar darbtejn ghand in-Nutara meta ghamlu l-konvenju u meta sar il-kuntratt ta' l-akkwist. Huma hallew kollox f'idejn in-Nutara ghax ma jafux skola. Huma kienu hargu elfejn u hames mija biex jinxtara l-post u n-nofs l-iehor hargu Jesmond. Huwa sostna li n-Nutar ma fehmitux ghalfejn kellu jiffirma.

Illi **Giorgia Muscat,** iz-zija tal-konvenuta Sonia, xehdet li omm Sonia kienet tghidilha li tfaddlilha c-*children's allowance*. Hija xehdet li Sonia kienet qaltilha li nofs il-flus kienet se tohroghom hija u n-nofs l-iehor Jesmond.

Illi **Sonia Ciappara Debattista,** il-konvenuta, xehdet li meta kellha sittax-il (16) sena thajjret tixtri l-post. Ommha kienet tatha tliet elef lira Maltija (Lm3,000) - aktar tard xehdet li dawn kienu elfejn lira Maltija (Lm2,000) - li kienet fadlitilha mic-*children's allowance*. Il-kumplament tal-flus isselfithom minghand iz-zija taghha, Helen Zammit. Meta mistoqsija kif setghet taghmel il-kuntratt tax-xiri hija rrispondiet li n-Nutara Felice kienet issuggeriet li minhabba l-eta' setghet taghmel emancipazzjoni. Hija kienet diga' qeghda fid-*deal* biex tixtri l-post. In-Nutara kienet qaltilha li riedet tistenna minhabba certu karti ta' l-emancipazzjoni mill-Qorti u 'nfatti kienu geddu l-konvenju darbtejn.

Illi meta mistoqsija kienitx tahdem hija xehdet li minn meta kellha tlettax-il (13) sena kienet tmur il-hanut taz-zija taghha Giorgia Muscat u dan minn 1986 sa l-1993. Hija kienet tithallas pero' ma kellhiex ktieb tax-xoghol. Hija kienet taqla' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha u fl-ahhar sentejn hamsa u tletin lira Maltija (Lm35). Minhabba li kienet issellfet il-flus kienet twarrab mill-paga biex thallas id-dejn. Hija m'ghandhiex karti la biex jippruvaw l-introjtu taghha u lanqas li ssellfet il-flus. Ommha kienet tmur thallas liz-zija taghha fl-ahhar tax-xahar mill-flus li warrbet il-konvenuta u kellha pitazz fejn kien jitnizzel kemm tatha. Dan pero' huwa fil-pussess ta' ommha, Mary Debattista.

Illi hija spjegat li minhabba li kienet ghadha taht l-eta' meta marret biex tixtri l-post ried isir kollox fuq il-genituri

taghha. Missierha pero' ma riedx ghax qalilha li kieku kellu jmut nofs il-post tiehdu ohtha. B'hekk tkellmu man-Nutara u semmietilhom l-emancipazzjoni. Hija xehdet li l-objettiv ewlieni li sar il-kuntratt ta' emancipazzjoni kien biex hija tkun tista' tixtri d-dar. Ghall-konvenju mar missierha maghha. Jesmond Ciappara ma kien imdahhal f'xejn. Dak iz-zmien li xtrat il-post hija kienet tohrog ma' l-attur u hija ddecidiet li tixtri post biex jekk tizzewweg tmur toqghod fih.

Illi hija cahdet dak li qalet ommha li d-data tal-kuntratt mhiex korretta. Il-konvenuta xehdet li meta marru l-ewwel darba ghand in-Nutar ma kellhiex sittax-il (16) sena izda sakemm saret il-procedura kollha bil-Qorti ghalqet l-eta' rikjesta.

Illi n-**Nutar Marthese Felice** xehdet li b'referenza ghal Dok. "FM 1" fl-process 1866/99 u Dok "FM2" fl-istess process a fol. 30 sa 33 ta' l-istess process hija ma tiftakarx ic-cirkustanzi li fih saru. Dan minhabba t-trapass taz-zmien. Infatti hija xehdet li jista' jkun li *oltre* l-persuni ndikati f'Dok. "FM2" kien hemm persuni ohra prezenti izda hija ma tiftakarx.

Illi in kontro-ezami xehdet li wara li rat l-atti taghha hija tipprezumi li kollox sar regolari. Sa fejn taf hi biex il-kuntratt ta' l-emancipazzjoni gie ppubblikat hija segwiet il-proceduri necessarji.

**<u>(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirreferi ghat-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn sostna li skond l-**artikolu 306 (5) tal-Kap.16** r-Registru Pubbliku hu rapprezentat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u mhux minn Direttur Generali tar-Registru Pubbliku kif indikat fl-okkju tac-citazzjoni mill-attur u ghalhekk din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni *in vista* ta' dak li jipprovdi l-istess artikolu u tordna l-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni attrici u kull fejn jirrikorri. Fil-fatt jinghad li dan qed issir *stante* li l-prezenza ta' l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku hija *se mai* rikjesta ghall-esegwibilita' tad-decizjoni tal-Qorti.

Illi dwar l-konsistenza ta' l-azzjoni attrici kif diga' inghad l-attur permezz tac-citazzjoni odjerna qed isostni li l-kuntratt ta' emancipazzjoni li permezz tieghu l-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista giet emancipata minn missierha *"sabiex tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u inoltre sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kuntrattati minnha u dana ghall-iskop ta' l-artikolu disgha tal-Kodici Kummercjali"* (vide Dok. "MF 1" a fol. 20 tal-process) huwa validu biss f'dawn il-parametri. Dan apparti diversi talbiet ohra li huma konnessi ma' l-istess li ser jigu kkonsidrati aktar 'il quddiem.

Illi l-attur jallega li l-imsemmija konvenuta qatt ma ezercitat kummerc mid-data tal-kuntratt ta' l-emancipazzjoni (12 ta' Lulju, ta' l-1989) sakemm saret maggorenni (13 ta' April ta' l-1991). Illi tressqu diversi xhieda minn naha ta' l-attur li xehdu li mhux talli Sonia Ciappara Debattista qatt ma ezercitat kummerc bejn dawn iz-zewg dati, talli hi lanqas biss qatt hadmet. Ghar-rigward ta' jekk qattx hadmet jew le dan huwa kontestat mill-istess konvenuta, izda dan mhux daqstant relevanti ghall-vertenza odjerna.

Illi min-naha l-ohra l-attur jghid li l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta qatt ma ezercitat kummerc giet pjenament ippruvata. Dan gie infatti kkonfermat mill-istess Sonia Ciappara Debattista fix-xhieda taghha. Hija xehdet li meta lanqas kellha sittax-il (16) sena kienet interessata tixtri post. Minhabba li kienet ghadha minuri meta marret ghand in-Nutar giet infurmata li hi ma setghetx tixtri f'isimha. Kien hemm zewg alternattivi – jew li jidher missierha fuq il-kuntratt jew li tigi emancipata. Il-konvenuta ghalhekk giet emancipata minn missierha. Hija ammettiet li l-uniku skop ghaliex sar il-kuntratt ta' emancipazzjoni kien biex jinxtara post fuq isimha u xejn aktar, cjoe` bl-ebda ntenzjoni li tikkummercja.

Illi l-artikolu relevanti huwa l-**artikolu 9 tal-Kodici tal-Kummerc.** Hawnhekk se ssir referenza ghall-imsemmi

arttikolu qabel ma gie emendat fl-1993 *stante* li l-kuntratt in kwistjoni sar fl-1990. B'hekk trid tigi applikata l-ligi vigenti dak iz-zmien. L-**artikolu 9 tal-Kap.13** kien jipprovdi s-segwenti:-

*"Kull minuri, meta jaghlaq is-sittax-il (16) sena, jista' jikkummercja u jitqies bhala li hu ta' l-eta' ghall-obbligazzjonijiet li bihom jintrabat f'affarijiet tal-kummerc, kemm-il darba –*

*(a) ikun qabel gie awtorizzat ghaldaqshekk mill-genitur li ghas-setgha tieghu jkun suggett, bil-mezz ta' att pubbliku irregistrat fil-Qorti tal-Kummerc; jew, jekk iz-zewg genituri jkunu mejtin, interdetti jew assenti, ikun gie awtorizzat mill-Imhallef tal-Qorti tal-Kummerc; u*

*(b) sunt ta' l-att ta' awtorizzazzjoni jew tad-digriet hawn fuq imsemmijin ikun gie mxandar, b'avviz, fil-Borza tal-Kummerc, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta ohra."*

Illi imbaghad skond l-**artikolu 5 (h) tal-Kodici tal-Kummerc** huwa att tal-kummerc *"ix-xiri u l-bejgh mill-gdid ta' immobbli, meta jsiru bi spekulazzjoni kummercjali, u l-intraprizi tal-bini."*

Illi l-konvenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha sostniet illi *"wiehed mill-effett ta' emancipazzjoni mhux dak illi l-persuna emancipata bilfors trid tezercita l-kummerc, izda biss illi ghandha d-dritt u tista' tezercita l-kummerc. Huwa ghalhekk illi jsegwi illi jekk persuna emancipata ma tkunx ezercitat kummerc sakemm tilhaq il-maggor eta' taghha, dan ma jfissirx illi l-att pubbliku ta' emancipazzjoni huwa null u bla effett."*

Illi hawn pero' ta minn jirrimarka li wahda mill-ewwel eccezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u wkoll mill-konvenuta Sonia Ciappara huwa n-nuqqas ta' nteress gurdiku ta' l-attur f'din il-kawza. Wkoll jinghad li l-attur stess pogga l-interess tieghu *in ballo* peress li l-ewwel talba attrici hija fis-sens li l-attur qed jitlob li jigi ddikjarat li huwa ghandu nteress guridiku li jaghmel din il-

kawza sabiex jattaka l-validita’ tal-kuntratt datat 12 ta’ Lulju 1989 fl-atti tan-Nutar Marthese Felice.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti ghandha timxi fuq dak li l-attur qed jitlob fic-citazzjoni attrici u cjoe’ fejn qed jillimita l-azzjoni tieghu sabiex jattka l-validita’ ta’ l-istess kuntratt, kuntratt li huwa fih lanqas kien parti, u ghalhekk qamet il-kwistjoni dwar l-interess guridiku tieghu, u wara li nghad dan kollu jigi rilevat ukoll li l-gurisprudenza nostrana u anki ta’ Qrati barranin tirrikjedi li rekwizit imprexindibbli ta’ kull azzjoni hu l-interess f’min jipproponiha

Illi kif intqal fis-sentenza **“J. Muscat et vs R Buttigieg et”** (27 ta’ Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481):-

*“L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.”*

Illi dan kompla jigi affermat fil-kawza “**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni”** (P.A. (JRM) - 18 ta’ Jannar 2001), fejn inghad:--

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta’ l-attur f’kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f’valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.I]”.*

*“Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet “**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592].”*

Illi fis-sentenza **“M Bond vs C Mangion et”** gie spjegat li:

*“Fost ir-rekwiziti tal-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cjoe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala. "La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta.”*

Dan kien ikkonfermat fis-sentenza “**A Calleja vs O Micallef**” (1 ta’ April 1992 – Vol LXXVI.ii.247).

Illi fis-sentenza imbaghad tas-17 ta’ Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard”** qalet li “*l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta’ l-azzjoni”.*

Illi b’riferenza ghal din il-kawza jinghad li l-attur dejjem qed jattaka l-validita’ ta’ kuntratt li fih huwa ma kienx parti, u dan ghaliex qed jghid li dan jinteressah u jista’ jaffetwah ghaliex huwa u l-konvenuta Sonia Ciappara qeghdin jisseparaw. L-istess attur jibni l-argumentazzjoni tieghu billi jghid li llum huwa qed ighix fid-dar matrimonjali maz-zewgt itfal flimkien mal-genituri ta’ l-istess konvenuta. Fil-fatt huwa jghid li hemm diversi kawzi bejn il-konjugi dik ta’ separazzjoni. Fil-fatt f’dawn il-kawzi l-konvenuta, fost affarijiet ohra, eccepiet illi hi proprjetarja tal-fond matrimonjali u li din hi proprjeta’ parafernali taghha. Huwa qed jikkontendi li din il-proprjeta’ kellha tinxtara f’isimhom it-tnejn u mhux fuq isimha biss. Infatti hu b’kawza ohra, li wkoll qed tigi deciza llum, qed jattakka l-

kuntratt ta' akkwist tad-dar minhabba li sar, meta l-mara kienet ghadha minorenni, u *in subsidium* qed jghid li f'kaz li l-kuntratt jigi dikjarat li hu wiehed validu l-att ghandu jigi kkoregut fis-sens li jitnizzel ukoll isem l-attur bhala xerrej. Ghalhekk l-attur isostni li ghandu kull interess li jipproponi l-kawza odjerna fejn qed isostni li l-kuntratt ta' emancipazzjoni huwa validu biss fil-parametri li hija kienet sejra tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u *inoltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha u dan ghall-iskop ta' l-**artikolu 9 tal-Kodici Kummercjali.** Huwa sostna li ghandu nteress guridiku minhabba li l-ezitu tal-kawza odjerna jimpingi direttament fuq min huwa s-sid tad-dar konjugali.

Illi jinghad pero' li a bazi tal-gurisprudenza li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq, fost ir-rekwiziti ta' l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali. Hawnhekk huwa mportanti dak li ntqal fis-sentenza **" M. Bond vs C. Mangion et",** cjoe` li: *"Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

Illi din il-Qorti thoss li l-argument ta' l-attur huwa zbaljat, u jekk huwa qed jghid li l-kuntratt ghall-akkwist ta' l-immobbli minn martu huwa simulat, dan kellu jaghmel azzjoni f'dan is-sens jew kull azzjoni ohra spettanti lilu talvolta fil-ligi, fejn huwa jressaq il-quddiem l-allegazzjoni tieghu li l-istess konvenuta Sonia Ciappara, kellha tixtri l-proprjeta' f'isimha u wkoll f'isem l-istess attur. Din l-azzjoni odjerna pero' ma hijiex qed tattakka l-istess kuntratt ta' bejgh ta' l-istess immobbli, izda qed tattakka l-validita' ta' kuntratt maghmul bejn il-konvenut, Calcidinio Debattista u bintu l-konvenuta Sonia Debattista, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti certament li din l-azzjoni ma hijiex wahda li tispetta lill-attur, proprju ghaliex ma ghandu ebda interess guridiku fl-istess kuntratt pubblikat min Nutar Dr. Marthese Felice datat 12 ta' Lulju 1989.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza ghandha titiehed u tigi kkonsidrata ndipendentement minn kull kawza ohra

u f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li tali kawza qatt ma tista' tispetta lill-attur, li ma kien bl-ebda mod involut fil-kuntratt tat-12 ta' Lulju 1989 bejn l-konvenuta u missierha, u *in verita* qatt ma setgha hekk kien involut. Dan qed jinghad indipendentement minn kull azzjoni ohra u minn kull kuntratt iehor, u dan peress li l-kuntratt tat-12 ta' Lulju 1989 mertu tal-kawza odjerna kien *"inter alios acta"* ghall-istess attur, u *in verita* ma jistax ikun mod iehor.

Illi jrid jinghad ukoll li l-mertu odjern guridikament ma ghandu x'jaqsam xejn mal-konsiderazzjonijiet ta' separazzjoni bejn il-konjugi Ciappara – ghaliex dan jiddependi fuq konsiderazzjonijiet ohra li ovvjament huma estranei u ben differenti minn dawk mertu tal-kawza odjerna.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandha tintlaqa' *stante* li l-attur ma ghandu l-ebda interess guridiku sabiex jaghmel din il-kawza; l-istess ghandha tinlaqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara, nkwantu jigi ddikjarat proprju u biss li l-attur ma ghandhux interess guridiku li jaghmel din il-kawza, u ghalhekk l-ewwel talba tieghu ghandha tigi michuda.  Ovvjament dan huwa differenti milli jigi ddikjarat li c-citazzjoni attrici hija nulla, (kif ukoll eccepiet l-istess konvenuta) u dan peress li *"l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta"* u dan kif ge kkonfermat diversi drabi mill-Qrati nostrali nkluza fis-sentenza fl-ismijiet **"Galleria Management Limited vs Derby International Limited"** (A. C.  10 ta' Jannar 2003) moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Illi infatti fl-istess sentenza inghad li l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu 789 huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom; Minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-**Att XXIV ta' l-1995,** l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug ta' l-att gudizzjarju minn qorti li

mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-dispozizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino;"** (A.K. 28 ta' Jannar 1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30).

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess fil-waqt li l-eccezzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara, qed tintlaqa' fis-sens li qed jigi dikjarat li l-attur ma ghandux interess guridiku li jaghmel din il-kawza, din twassal sabiex ma jigux milqugha t-talbiet attrici, in partikolari l-ewwel wahda, u mhux ghan-nullita' tac-citazzjoni *ut sic.*

Illi ghall-kompletezza jinghad li t-tieni eccezzjoni ta' l-Avukat Generali fejn jinghad li huwa tharrek inutilment a bazi ta' l-**artikolu 181B (2) tal-Kap.12** ghandha tintlaqa' *stante* li huwa minnu li l-legittimu kontradittur f'kawzi ta' natura simili huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku. Infatti l-prezenza tieghu fil-proceduri odjerni hija mehtiega biss ghall-iskop ta' xi eventwali decizjoni tal-Qorti.

Illi fi-fatt l-**artikolu 181B (2) tal-Kap.12** jghid testwalment:-

*"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Illi fil-fatt id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li l-Avukat Generali ghandu jigi ngunt f'kawza biss jekk it-talbiet attrici ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern, li mhux il-kaz odjern *stante* li l-legittimu kontradittur f'kawzi ta' natura simili huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi ghall-kompletezza jinghad li fil-meritu t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara, ghandha wkoll tintlaqa' peress li ma giex ippruvat li l-kuntratt ta' emancipazzjoni datat 12 ta' Lulju 1989 ghandu xi rekwiziti rikjesti mill-ligi li ma gewx segwiti. Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda

kollha prodotta u in partikolari mix-xhieda tan-Nutar Dr. Marthese Felice li rredigiet l-att li kkonfermat li segwiet il-proceduri kollha u ghalhekk l-istess kuntratt huwa validu fil-ligi. Illi din il-Qorti *in vista* tal-premess thossx li ma ghandhiex strettament tidhol fit-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara, pero' mill-provi prodotti jirrizulta li l-kuntratt ta' bejn l-istess konvenuta u missierha sar validament u skond il-ligi.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet tal-konvenuta n-**Nutar Marthese Felice** hija eccepiet li mhiex edotta mill-fatti u rrizervat li taghti eccezzjonijiet jekk ikun il-kaz fi stadju ulterjuri. Sussegwentement fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija sostniet li mhiex il-legittimu kontradittur. B'hekk din il-Qorti hi rinfaccjata b'eccezzjoni li ma tqajmitx fin-nota ta' l-eccezzjonijiet.

Illi dwar dan issir referenza ghas-sentenza **"Antida Falzon vs A.P.S. Bank Limited"** (P.A. (GV) – 28 ta' Mejju 2003 - Cit.Nru: 301/98/GV) fejn ukoll l-eccezzjoni in kwistjoni f'dik il-kawza ma kienitx giet prezentata formalment u tqajjmet biss fin-nota ta' osservazzjonijiet. Dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:-

*"Ghalkemm dawn il-Qrati ftit harsu jew ikkunsidraw b'simpatija lejn eccezzjonijiet li 'jfaqqsu' ghall-gharrieda fil-mori tal-proceduri minghajr ebda awtorizzazzjoni, din il-Qorti hija wkoll konsapevoli mill-fatt li hemm gurisprudenza li hadet attitudni aktar liberali fis-sens li accettat eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati b'dan il-mod dubbjuz. Hekk, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet 'Services Limited vs Joseph Zammit' (Qorti ta' l-Appell – Sede Inferjuri) deciza fid-29 ta' Jannar 1999)".*

Illi ghalkem hemm kazijiet fejn dan ma japplikax, din il-Qorti thoss li *in vista* tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, *in vista*' wkoll ta' dak li gja gie deciz, u *in vista* tan-natura partikolari tac-citazzjoni attrici, din il-Qorti tiddikjara li mill-premessi kollha tac-citazzjoni attrici jirrizulta li l-konvenuta n-Nutar Marthese Felice ma hijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza fl-ismijiet premessi, u ghandha tigi strettament liberata mill-osservazna tal-gudizzju.

Illi rigward l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra **Debattista,** in kwantu dawn aderew mat-talbiet attrici dawn qed jigu michuda in kwantu t-talbiet attrici gew ilkoll michuda.

Illi fl-ahharnett l-konsegwenza tac-cahda ta’ l-ewwel talba attrici tinkorpora c-cahda tat-talbiet l-ohra kollha attrici li huma konnessi ma’ l-istess talba hawn michuda; u jinghad ukoll li l-istess talbiet attrici l-ohra huma insostenibbli, apparti li huma wkoll kontrastanti anke mat-tieni talba attrici; ghall-kompletezza jinghad pero’ li dak allegat mill-attur lanqas gie ppruvat u certament li dak minnu allegat, f’hafna kazi lanqas jista’ jwassal ghar-rexizzjoni ta’ l-imsemmi kuntratt.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lil Avukat Generali u lin-Nutar Marthese Felice mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, Calcidonio Debattista u Mary Debattista, u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u wkoll dawk tal-konvenuta, Sonia Ciappata, biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, b’dan li *in vista*’ ta’ l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u *in parte* l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara  tiddikjara li l-attur ma ghandux interess guridiku sabiex jaghmel din ic-citazzjoni attrici kif minnu fformulata.  B’hekk **tichad l-ewwel talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u nsostenibbli kif minnu mressqa u konsegwenti ghall-istess, tichad ukoll it-talbiet attrici l-ohra kollha *stante* li huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u guridikament insostenibbli kif formulati u kif avvanzati mill-attur ghar-ragun]ijiet kollha moghtija f’din is-sentenza, nkluz li l-istess attur ma ghandhux interess guridiku premess.

Bl-ispejjez kollha ta’ l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------